**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier

ASSENTI:

Janice Chetcuti – Kunsilliera
Stephen Caruana – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 54.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 54.1.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li permezz ta' email il-Kunsilliera Janice Chetcuti u l-Kunsillier Stephen Caruana kienu talbu li l-Kunsill jiġġustifika l-assenza tagħhom mis-Seduta tal-Kunsill Lokali tal-lum l-10 ta' Mejju 2018.<br><br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan fost il-Kunsilliera l-oħra preżenti. |
| 54.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' Minuti |
| 54.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduta numru 53, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 54.2.2 | Is-Sur Steven Grech ippropona u s-Sur Daniel Zerafa issekonda l-minuti tas-Seduta 53 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 54.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 54.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-16 t'April 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sa Emma Vella attenda għal laqgħa ma' Projects Plus rigward l-iżvilupp tal-bini tal-parkeġġ il-ġdid. |
| 54.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-16 t'April 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech u s-Sur Daniel Zerafa attenda għal laqgħa rigward il-Fireworks Festival 2018. |
| 54.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-17 t'April 2018,flimkien mas-Sur Daniel Zerafa u l-ħaddiema assenjati tal-Kunsill marru Triq Ċiċerun, Triq l-Iskola l-Antika u parti minn Triq Bartolo Longo sabiex jiġu friskati r-*road markings* tal-imsemmija toroq. |
| 54.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar id-19 t'April 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech attenda laqgħa mal-Awtorità tal-Artijiet rigward rikjesta għal devoluzzjoni tal-art li tinstab mal-ġenb tal-*Car Park* il-ġdid. |
| 54.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-20 t'April 2018, attenda għall-laqgħa tar-Reġjun Xlokk fejn ġie diskuss it-*tende*r preżenti tal-i*Street Lightining* u l-ħruġ ta' *tender* ġdid simili fuq bażi ta' Reġjun. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jġedded l-istess *tender* flimkien mar-Reġjun Xlokk. |
| 54.3.6 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li nhar it-23 t'April 2018, attenda għal laqgħa mar-residenti ta' Triq ix-Xerriek f'Marsaxlokk rigward l-Appell tal-Barumbara li ġie sottomess mill-Kunsill Lokali qabel iż-żmien stipulat. |
| 54.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-26 t'April 2018, attenda għal-laqgħa tal-Management Board ta' Xrobb l-Għaġin. Is-Sur Horace Gauci spjega li ġie nfurmat |

| | |
|---|---|
| | rigward it-tempju li għandhom mirdum u kif qed jaraw jistgħux jirrikolawh. Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsilliera preżenti li kien kien ġie preżentat ukoll rapport tal-*Accountant* rigward il-*Hostel*. |
| 54.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-26 t'April 2018, attenda għal-laqgħa mas-Sur Trevor Zahra f'Marsaxlokk u spjega kif din ġiet milqugħa tajjen minn kull min attenda. |
| 54.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar is-27 t'April 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella attenda laqgħa mal-Bank Of Valletta sabiex jinfetaħ kont tal-bank ġdid għar-rilokazzjoni tal-fondi tal-Kunsill u jingħalaq dak li hemm preżenti mal-HSBC. |
| 54.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-27 t'April 2018 kien inżamm il-Fireworks Festival f'Marsaxlokk u kif ukoll li nhar id-29 t'April 2018 inżamm Jum Marsaxlokk. |
| 54.3.11 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li nhar l-4 ta' Mejju 2018, attenda laqgħa *on-site* fil-parkeġġ il-ġdid fejn ġie diskuss x'setgħa jsir dwar il-makkinarju għall-*barriers.* Is-Sindku spjega li r-rampa kellha tkun madwar 9 metri wiesgħa minħabba l-*barriers*. |
| 54.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-4 ta' Mejju 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech kien attenda għal laqgħa mas-Supretendent tal-Cultural Heritage, Transport Malta u Project Plus fir-rigward tal-Barumbara ta' Triq il-Kavallerizza, u ċioè jekk hux ħa jiġi deċiż sabiex tinfetaħ triq ġdida. Is-Sur Horace Gauci spjega li rigward biex tinfetaħ Triq Barthelemy twaħħlet *enfrcement notice* fuq ix-xatba tas-Sid minħabba li ġa sar espropju tal-art mill-Gvern. |
| 54.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsill lokali li nhar is-7 ta' Mejju 2018, kellu laqgha mas-Sur Joe Micallef sabiex issir tiġi organizzat ġità għal Sqallija għar-residenti. |
| 54.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar id-9 ta' Mejju 2018, flimkien mas-Sur Jordy Brincat attenda taħriġ tal-Awtorità tal-Ippjanar imsejjaħ *PA-Plus*. |
| 53.3.15 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar l-10 ta' Mejju 2018, attenda għal laqgħa ma' *Malta Textile Recycling* fuq ir-riċiklar tal-ħwejjeġ li jista' jibda jinġabar darba fix-xahar. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li din il-proposta għandha tintlaqa'. |
| 53.3.16 | Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera rigward dak li kien ħabbar f'Jum Marsaxlokk dwar it-Torri Vendome, li l-Għaqda Din l-Art Ħelwa kienet marret bil-proposti għand il-Ministru Owen Bonnici dwar l-istess Torri. Is-Sur Horace Gauci ippreżenta dokument imħejji minn Din l-Art Ħelwa li għandu jerġa' jiġi diskuss, u żied jgħid ukoll li jissuġġerixxi li Torri Vendome jiġi devolut lill-Kunsill imma t-tmexxija tkun f'idejn Din l-Art Ħelwa. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jagħmel rikjesta li jkollu mhux biss id-devoluzzjoni tat-Torri Vendome imma ankè t-tmexxija u l-operat tiegħu. |
| 53.3.17 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li ġie issuġġerit lilu mill-Minstru Ian Borg biex isir forma ta' *shuttle service* lejn Delimara. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu japplika għal dan ma' Transport Malta biex il-Kunsill Lokali jkun ir-regolatur u wara jinħareġ *tender* biex ikun das-servizz ikun provdut minn operatur. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li hemm qbil dwaru u  għandhom isiru diskussjonitajiet ma' Transport Malta fir-rigward. |
| 54.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |

| | |
|---|---|
| 54.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Mini ta' Xatt is-Sajjieda?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-fanali kienu se jiġu ordnati. |
| 54.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Pjanta tal-Magħluq?" Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera preżenti ġie deċiż li l-pjanta tal-Magħluq għandha tiġi diskussa flimkien ma' Project Plus għal aktar suġġerimenti. |
| 54.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Bye-law tal-Iskalien?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Bye-law ghandha tiġi diskussa mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv u tintbgħat email lill-Kunsilliera u wara lill-Koperattivi tas-Sajjieda. |
| 54.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Facebook u l-uzu tal-Paġna?" Is-Sindku spjega li r-ritratti li fihom dehru huwa stess u Daniel Zerafa waqt li kienu qed isiru r-road markings kienu biss biex ir-residenti jkunu jafu li qed isiru sorveljanzi tax-xogħol mill-Kunsilliera u għall-ebda raġuni oħra. |
| 54.5.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Dwar il-Fireworks Festival?" Is-Sindku spjega li l-pavaljuni tal-Għaqda 8 ta' Mejju kienu ttellgħu għal waqt dan il-Festival imma fit-tard qabel beda l-Festival minħabba r-riħ li kien. |
| 54.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-*airconditioners*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jiġu ordnati tliet *airconditioners* għall-kunsill Lokali, tnejn ta' daqs 18,00 BTU u wieħed ta' daqs 24,000 BTU. |
| 54.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Barumbara ta' Triq Kavallerizza?" Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din il-materja diġà ġiet diskussa f'din is-Seduta, f'minuta 54.3.12. |
| 54.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Karrijiet?" Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li l-ewwel trid irrid issir laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija u jiġi miftiehem fejn se jiġu trasportati l-karrijiet qabel ma tiġi mwaħħla n-notifika ta' sebat ijiem mal-istess karrijiet. Is-Segretarju insista li l-proċeduri għandhom ikunu segwiti skont il-liġi u l-ebda karru ma għandu jiġi irmunkat qabel iż-żmien stipulat, u saħaq ukoll li ħa tkun ta' spiża kbira għall-Kunsill Lokali. |
| 54.4.8 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-Imwejjed u s-siġġijiet?" Is-Sindku informa llll-Kunsill Lokali li l-ittra lir-*Restaurants* kienet lesta u se tiġi mibgħuta. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-azzjoni kellha tittieħed mill-Pulizija flimkien mal-Kunsill Lokal wara li tintbgħat l-ittra. |
| 54.4.10 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Tħammil Bajja Magħluq?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Segreterju Eżekuttiv kellu jikteb lil Transport Malta sabiex jivverfika jekk l-approvazzjoni tal-blokki fil-Bajja tal-Magħluq li saret fl-2017 ma' Transport Malta għandhiex tapplika jew kelliex ssir rikjesta oħra. |
| 54.5 | Rapporti |
| 54.5.1 | - Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li rċieva l-*Audit Report*, il-*Financial Statements* tas-sena 2017, inkluż il-Management Letter li kollha ġew verifikati u mibgħuta min-*National* |

| | |
|---|---|
| | *Audit Office* (NAO). Is-Segretarju Eżekuttiv iddiskuta mal-Kunsilliera l-*Council Reply* u talab l-approvazzjoni tagħhom sabiex tkun tista' tintbgħat.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari innumerata 2018/05 u datata fl-4 ta' Mejju 2018 mibgħuta mill-Assoċċjazzjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ġie infurmat li hu mistieden biex jattendi seminar ta' taħriġ tal-*e-tenders* (EPPS), sabiex jkunu jistgħu jagħmlu użu minn din is-sistema għat-*tenders* tal-Kunsill Lokali. Dan is-seminar se jsir mid-Dipartiment tal-Kuntratti.<br><br>- Il-Kunsill Lokali ġie infurmat b'korrispondenza datata 9 ta' Mejju 2018, minghand l-Ing. Steve Farrugia rigward l-għeluq temporanju ta' Triq l-Arżnell sabiex jiġi finalizzat il-proġett tal-cables tal-Enemalta. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li kellha tintalab laqgħa mal-Enemalta fir-rigward.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari innumerata SPI 3/2018, datata 17 t'April 2018 u mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bi Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunità.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Appell tal-Barumbara ġie sottomess lill-Awtorità tal-Ippjanar nhar it-30 t'April 2018, hekk kif kien deċiż fis-Seduta preċedenti tal-Kunsill Lokali.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari innumerata SPI 5/2018, datata 3 ta' Mejju 2018 u mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern lokali, il-Kunsilliera ġew infurmati bl-attività *Light up the Night.*<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 1 ta' Mejju 2018 u mibgħuta mill-LESA, il-Kunsilliera preżenti ġew infumati li permezz ta' riforma pożittiva ġdida, il-Gwardjani Lokali ġew ingaġġati direttament mal-Aġenzija LESA b'effett mill- 1 ta' Mejju 2018.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 1 ta' Mejju 2018 mingħand is-Sur Angelo Baldacchino, sabiex il-Kunsill Lokali jipparteċipa fl-attività ta' Lejla Maltija f'Marsaxlokk li se tiġi organizzata mill-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei, l-Għaqda 8 ta' Mejju u l-Għaqda tan-Nar. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li jingħataw boroż sabiex jinġabar l-iskart u acċċcess għad-dawl.<br><br>- Il-Kunsilliera ġew infurmati b'korrispondenza datata 4 ta' Mejju 2018 mingħand is-Sur Angelo Baldacchino sabiex il-Kunsill Lokali jagħti l-permessi neċessarji sabiex issir Lejla Maltija f'Marsaxlokk mill-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei, l-Għaqda 8 ta' Mejju u l-Għaqda tan-Nar.<br><br>- Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsillier s-Sur Stephen Caruana għandu l-Mailbox mimlija u l-emails li jintbagħtu mill-Kunsill mhux jaslulu. L-attenzjoni ġiet miġbuda kemm verbalment kif ukoll bil-miktub. Is-Segretaju Eżekuttiv żied jgħid ukoll li l-amministrazzjoni tal-Kunsill mhux se tkun responsabbli kemm-il darba li l-Kunsillier Stephen Caruana ma jarax l-emails mibgħuta lilu mill-istess Kunsill.<br><br>- Permezz ta' komunikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar datata 8 ta' Mejju 2018, il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati li fl-applikazzjoni PA/0026/18 li jirrigwarda 31, Triq San Piju V, Marsaxlokk, kienu ġew sottomessi pjanti ġodda. |

| | |
|---|---|
| | - Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri: PA/03486/18, PA/03691/18, PA/03671/15, PA/03238/18, PA/03434/18, RG/00893/18, RG/01138/18, PA/02020/18, PA/10075/17, PA/06032/17, PA/03263/18, PA/03031/18, PA/03096/18, PA/03166/18, PA/02545/17, PA/00809/18, RG/00374/18, PA/00747/18, PA/02071/18, PA/10072/17,RG/04526/17, RG/00261/18.<br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għal dawk innumerati PA/10075/17, PA/03031/18, PA/02545/17 u li għalihom il-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona. |
| 54.6 | Mozzjonijiet |
| 54.6.1 | <u>Mozzjoni Nru 02-2018 (VII)</u><br><br>*Mozzjoni sabiex, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jitlob lill-Gvern Ċentrali (ċioè, l-Awtorità tal-Artijiet) sabiex l-art tal-parkeġġ il-ġdid li qed jinbena wara l-grawnd tal-futbol u l-għelieqi li jmissu ma' Triq il-Kavallerizza fil-ġenb tal-istess perkeġġ, jiġu devoluti lill-istess Kunsill Lokali. Dan sabiex il-parkeġġ ikun amministrat totalment u esklussivamnet mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk bi sħab mal-privat (wara li tinħareġ sejħa għall-offerti f'dan ir-rigward), filwaqt li l-għelieqi imsemmija jinbidlu f'ġonna rikreattivi u/jew tisbiħ (soft-areas).*<br><br>Proponent: Horace Gauci<br>Sekondant: Steven Grech<br><br>Il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni wara votazzjoni . |
| 54.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 54.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera sabiex jerġa' jiġi evalwat it-*tender* tal-i*Street Sweeping* għar-raġuni li kien hemm min evalwah ħażin.Is-Segretarju Eżekuttiv insista li dan huwa prijorità għar-raġuni li ilu aktar minn sena pendenti u għaldaqstant għandu jiġu konkluż minnufih. |
| 54.7.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-Evalwazzjoni tat-*tender tal-Account / Accountant Technician* se jsir mill-kumitat ta' aġġudikazzjoni nhar il-15 ta' Mejju 2018. Il-Kunsill ġie nfurmat li dan huwa l-istess kumitat li l-istess Kunsill kien ħatar għal *tender* ieħor. Il-Kunsill Lokali ġie infurmat ukoll li l-*opening staff* se jkunu żewġ skrivani tal-istess Kunsill. |
| 54.7.3 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali li t-*tender* tal-*Public Conveniences* kien se jagħlaq f'Diċembru 2018. Għaldaqstant kellu jibda jinħadem *tender* ieħor, u dan sabiex il-Kunsill ikun fil-ħin. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir komunikazzjoni mal-Ministeru tat-Turiżmu u/jew l-MTA qabel jinħareġ it-*tender* il-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni dwar jekk it-*tender* għandux isir jew le.<br><br>Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill għandu jitkellem mad-*District Operations* u jara l-aħjar għażla sabiex il-Kunsill ikollu anqas spejjeż. |
| 54.8 | Devoluzzjoni tal-Parkeġġ il-Ġdid |

| | |
|---|---|
| 54.8.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li din il-materja ġiet diskussa f'mozzjoni ta' din l-istess Seduta innumerta 54.6.1. |
| 54.9 | Festa Ħut 2018 |
| 54.9.1 | Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Festa Ħut 2018 kellha tiġi diskussa f'laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali għar-raġuni li l-kunsilliera responsabbli mill-attività kienet assenti (skużata). Wara qbil unanimu il-Kunsilliera preżenti iddeċiedew ukoll li d-data tal-attività kellha tkun mibdula għas-Sibt 22 ta' Settembru 2018. |
| 54.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 54.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 05/18) għall-approvazzjoni. |
| 54.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 54.10.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xhur ta' April u Mejju għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 54.11 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 54.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8:10 p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Gunju 2018 fil-5:00 p.m. |

Konfermati, illum 14 ta' Ġunju 2018.

IFFIRMATA

__________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv